**24 ta' Jannar, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo sive Charles Ellul Sullivan *et.*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Konvenzjoni Europeja – Smiegħ Xieraq – Żmien Raġonevoli – Kumpilazzjoni – Rogatorji – Xhieda – Kodiċi Kriminali – Emendi għall-Kostituzzjonalità ta' – Extra Petita – Rimedju.**

*L-imputati kienu għaddejjin kumpilazzjoni mixlijin bi ksur tal-liġi tad-Dwana u reati konnessi. Fil-kors tal-kumpilazzjoni l-prosekuzzjoni talbet li tisma' xhieda barra minn Malta permezz tar-rogatorji. L-imputati qajmu kwistjoni kostituzzjonali billi allegaw li b'dan il-mod huma ma kinux ser jingħataw smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli u dan bi ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u artikolu tal-konvenzjoni l-oħra dwar Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti tal-Maġistrati rriferit il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-Prim'Awla ddisponiet mill-kwistjoni billi ddikjarat li l-ilment tal-imputat ma kienx fondat. Fuq appell il-Qorti Kostituzzjoni rrevokat u ddisponiet mill-kwistjoni billi tat ordni lill-Kummissajru tal-Pulizija li jekk u meta l-maġistrat jagħti l-ordni meħtieġ għas-smiegħ tax-xhieda tar-rogatorji, jipprokura li dak*

*l-eżami jiġi konkluż fi żmien li m'għandux jaċċedi s-sitt xhur mid-data tal-ordni, u li jekk f'dak il-perijodu dik il-proċedura ma tkunx ingħalqet u l-Kummissarju tal-Pulizija jkun għadu jikkunsidraha indispensabbli, allura għandu jirrikorri lil dik il-Qorti biex din tara dak il-perijodu għandux jiġi estiż.*

*Il-Qorti osservat li billi l-artikoli involuti fil-kwistjoni kienu l-artikoli 399, 401 u 402 tal-Kodiċi Kriminali li kienu ġew emendati wara l-1964 ma setetx tiġi revokata mill-pulizija b'protezzjoni tal-Ewwel Skeda tal-Kostituzzjoni għal dawn l-artikoli.*

*Inoltre l-Qorti osservat bi żmien raġonevoli fi proċessi kriminali ossia skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, minn każ għall-każ, u kien imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex tiddeċidi jekk dak iż-żmien ġiex eċċedut. Għalkemm il-Qorti kkomentat li, in meritu għall-kompilazzjoni, ma tantx impressjonawha li din ġiet immexxija mill-pulizija b'dik l-attenzjoni, kompletezza, tempestività u regolarità li jaminaw il-Kodiċi Kriminali, xorta waħda sal-mument tar-riferenza ma setax jingħad li t-terminu tagħhom kien wieħed irraġonevoli. Però bit-talba għar-rogatorji kien hemm possibilità reali li d-dritt fundamentali tagħhom jiġi fil-futur inekwu.*

*Il-Qorti għalhekk dehrilha li, billi hija ma kenitx marbuta bit-termini tat-talba, u f'każijiet kostituzzjonali setgħet tati rimedju 'extra petita' tat il-provvediment fuq riferit.*

Il-Qorti: – ikkunsidrat:

1. Waqt li kienu qed jiġu kompilati l-atti ta' kompilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, l-imsemmija imputati Ellul Sullivan, Camilleri, Grech, Galea u Fenech, fid-**29 ta' Diċembru, 1987,** issollevaw kwistjoni kostituzzjonali fis-sens illi huma kienu ġew akkużati b'diversi reati fis-**17 ta' Lulju, 1984,** u li billi, issa, wara tlett snin u nofs, il-prosekuzzjoni kienet qed

tipprospetta li tisma' diversi xhieda barra minn Malta permezz ta' ittri rogatorji, u dawn se jkomplu jtawlu l-proċeduri b'mod irraġonevoli u b'hekk huma se jiġu preġudikati għaliex m'humiex se jingħataw smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli – kif iridu l-artikoli 39 sub-artikolu 1 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987.

2. Dik il-Qorti rriferiet il-kwistjoni kostituzzjonali lill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, b'digriet tas-6 ta' Jannar, 1988.

3. Ġew sollevati xi kwistjonijiet preliminari u dawn inneċessitaw diversi deċiżjonijiet li għalihom, fuq dawk il-punti trid issir riferenza – Qorti Ċivili Prim'Awla fil-**21 ta' April, 1988**; u din il-Qorti Kostituzzjonali, fil-**5 ta' April, 1989** u fl-**24 ta' Jannar, 1990.**

4. **Fit-28 ta' Mejju, 1990**, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, iddeċidiet il-mertu tar-riferenza, u hawn qed tiġi riprodotta l-parti essenzjali ta' dik is-sentenza:

"... skond id-digriet ta' riferenza tal-ewwel Qorti, l-imputati speċifikament invokaw a favur tagħhom id-disposizzjonijiet tal-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-art. 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 li jinkorpora l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Qegħdin fi kliem ieħor jinvokaw id-dritt għal *'a hearing within a reasonable time'*.

L-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid illi:

"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli".

L-art. 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV/1987 inoltre jgħid illi:

"... kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli".

Illi fil-kors tas-sottomissjonijiet orali ġew sollevati diversi punti ta' indole legali dwar jekk per eżempju, għandhiex tipprevali l-Kostituzzjoni ta' Malta fuq l-Att XIV tal-1987 jew vice-versa stante li din hi liġi li ġiet fis-seħħ warajha; dwar kemm huma realment 'salvagwardati' id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali in forza tal-promulgazzjoni tal-istess Att XIV tal-1987; dwar x'għandu jikkostitwixxi 'dewmien inġustifikat' u irqaqat oħra relativi u anċillari.

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti hija tal-fehma li minn punto di vista ta' dritt il-Kodiċi Kriminali nostrali, oltre dak li hemm provdut fil-Kostituzzjoni, ma jikkozzax kontra l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi tagħna bl-Att XIV tal-1987 u b'riferenza in partikolari għall-artikoli 401, 402, 403, 404, 405 tal-Kodiċi Kriminali. Kien hemm perijodu meta ż-żmien għall-egħluq tal-kompilazzjoni kien wieħed ta' għaxart ijiem u mhux aktar minn erbgħin jum. Fl-1980 saru emendi proċedurali u dan it-terminu, meqjuż allura qasir wisq biex jinġabru u jingħalqu l-provi waqt l-Istruttorja, ġie imtawwal għal xahar u bil-proviso li ż-żmien ma għandux b'kollox jiġi hekk imġedded għal aktar minn tlett xhur. Issir hawn riferenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali in re:- **Avukat Dr L. Pullicino vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati bħala Kap tal-Korp tal-Pulizija *noe. et.*"** mogħtija fit-12 ta' April, 1989, fejn ***inter alia*** ġie ritenut is-segwenti:

"L-appellant issottometta illi peress li l-Kodiċi Kriminali ma jistabilixxi ebda terminu fiss sa liema l-proċess Kriminali jrid jintemm allura l-istess Kodiċi Kriminali ma jipprovdix żmien raġonevoli fis-sens tal-Konvenzjoni. Illi effettivament kif anki hemm spjegat fis-sentenza appellata l-Kodiċi Kriminali jipprovdi proċedura u l-makkinarju u strutturi legali neċessarji biex il-proċess kriminali jimxi b'ċerta speditezza u dan hu suffiċjenti għall-fini tal-Konvenzjoni. S'intendi, m'hemm ebda garanzija li kull ġudizzju jintemm fi żmien raġonevoli u għalhekk kull każ, f'dan il-kuntest, għandu il-fattispeċji tiegħu u l-kwistjoni tista' tqum kemm jekk l-imputat partikolari jkun għadu taħt arrest kif ukoll jekk ma jkunx. Dan billi d-dritt għall-ġudizzju fi żmien raġonevoli joħroġ kemm mill-artikolu 5(3) kif ukoll mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Jiżdied biss li l-art. 5(3) jimponi '*standards*' aktar mis-subartikolu 6(1) stante li fl-ewwel każ ikun għad hemm l-arrest. Però, l-ilment tal-appellant f'dan ir-rigward, u ċjoè li l-Kodiċi Kriminali ma jipprovdix għal ġudizzju fi żmien raġonevoli, u għalhekk mhux skond il-konvenzjoni, hu infondat u għalhekk ma jistax jiġi akkolt."

Kif tajjeb irrilevat l-ewwel Qorti fid-digriet elaborat u eluċidanti tagħha l-imputati mhux qegħdin jikkontestaw id-dritt tal-Prosekuzzjoni li titlob li jinstemgħu xhieda bil-proċedura tar-rogatorji iżda li kemm-il darba tintlaqa' tali talba, il-kumpilazzjoni "kienet ser titwal b'mod irraġjonevoli tant li d-dritt fundamentali tagħhom għal smiegħ fi żmien raġonevoli ser jiġi leż". Effettivament f'nota ta' sottomissjonijiet għan-nom tal-imputati kollha preżentata quddiem l-ewwel Qorti (dik Istruttorja) fid-29 ta' Diċembru, 1987, dwar l-ilmenti tal-imputati insibu s-segwenti lanjanzi jiġifieri:

1. li l-prosekuzzjoni ma ressqitx l-istess provi tempestivament u fi żmien raġonevoli u dan nonostante

l-oġġezzjonijiet ripetuti u insistenti tal-akkużati biex jintressqu l-provci kollha għal fini ta' deliberazzjoni finali;

2. li r-rinviji f'ħafna każi kienu jikkostitwixxu biss telf ta' żmien billi fihom ma nġiebu l'ebda provi li setgħu jikkontribwixxu għall-każ tal-Prosekuzzjoni;

3. li l-provi setgħu benissimament instemgħu u ġew konkjużi kif maħsub mill-istess Kodiċi Kriminali bla ħtieġa ta' rinviji; u li inoltre dwar ix-xhieda ta' barranin;

4. li dawn setgħu wkoll jinstemgħu qabel fiż-żmien stipulat mill-liġi;

5. li tali xhieda huma rrilevanti għall-prova tal-ħtija jew le tal-imputati rikorrenti; u

6. li l-proċeduri tar-rogatorji ħa jkomplu jtawwlu l-proċeduri b'mod irraġonevoli u mingħajr bżonn.

Illi għas-soluzzjoni ta' dawn id-diversi punti, trid bilfors hawn issir piena riferenza għall-atti tal-kumpilazzjoni ***de quo*** u dan ukoll billi d-diversi lmenti fuq riportati huma imsejsa fuq fatti li qabel xejn għandhom jiġu investiti. Illi in succint, dak illi sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja kien kwantu segwe:

Fis-17 ta' Lulju, 1984, ħarġet it-taħrika kontra l-imputati li fiha huma ġew akkużati b'diversi reati. Inżammet l-ewwel seduta fl-1 ta' Ottubru, 1984, u fiha xehed is-Suprintendent (dakinhar Spettur) Joseph Psaila **in extenso** u esebixxa numru ta' dokumenti. Sar rinviju tal-atti mill-Avukat Ġenerali fid-29

ta' Ottubru, 1984, b'elenku ta' diversi talbiet għal smiegħ ta' xhieda ulterjuri, skjarimenti u produzzjoni ta' iżjed dokumenti. Inżammet seduta fl-24 ta' Novembru, 1984, u fiha xehed Alfred Cachia fit-tul u dan ukoll esebixxa diversi dokumenti. Il-kompilazzjoni tħalliet għall-kontinwazzjoni u biex ukoll jingħata provvediment dwar irtirar ta' ċerti dokumenti li ġew esebiti, għat-28 ta' Novembru. F'din is-seduta ingħata l-provvediment imsemmi, ġie riprodott ix-xhud Alfred Cachia, wieħed mill-imputati talab li jingħata l-fakoltà li jsiefer. Fil-fatt dan l-istess imputat u anki xi wħud mill-oħrajn għamlu diversi rikorsi dwar safar li ġew milqugħin taħt kawzjoni.

Fl-14 ta' Diċembru, 1984, sar rinviju tal-atti għalbiex isir dak mitlub in preċedenza fir-rinviju datat 29 ta' Ottubru, 1984. Fl-4 ta' Jannar, 1985, inżammet seduta u xehdu Mario Gatt, Anthony Gouder, Rosario Sammut, Joseph Stafrace u Francis Micallef.

Fil-5 ta' Frar, 1985, sar rinviju ieħor "sabiex il-Prosekuzzjoni tkompli tressaq il-provi li għad fadlilha dwar il-każ." Fil-25 ta' Frar xehdu mill-ġdid Alfred Cachia, li esebixxa aktar dokumenti, flimkien ma' John Camilleri, Alfred Muscat, John Galea Cavalazzi u Giljan Bezzina.

Fis-26 ta' Marzu, 1985, sar rinviju ieħor u fit-18 ta' April, 1985, – meta l-Qorti Istruttorja appuntat il-kompilazzjoni – instab li l-imputat Ellul Sullivan kien imsiefer u ma sar xejn.

Fl-20 ta' Mejju, 1985, l-atti intbagħtu mill-ġdid għall-istess fini u fis-7 ta' Ġunju, 1985, xehdu Joseph Micallef, li esebixxa wkoll xi dokumenti, Carmel Costa u Emanuel Spiteri.

Fis-27 ta' Ġunju, 1985, sar rinviju ieħor mill-Avukat Ġenerali u fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 1985, xehdu Alfred Agius, Joseph Pawney, Victor Bonnici, Anthony Caffari, Vincent Sacco, Herbert Naudi u Emanuel Borg.

F'din is-seduta, l-avukati difensuri ivverbalizzaw li bir-rinviji ripetuti tal-Avukat Ġenerali – taħt l-art. 417 (illum art. 425) dana qiegħed imur kontra n-natura tad-disposizzjonijiet ta' l-art. 413 (illum art. 401) tal-Kodiċi Kriminali. Sa fejn setgħet tara l-Qorti, dina kienet l-ewwel okkażjoni fejn l-imputati lmentaw formalment dwar dewmien. Id-difiża irrilevat oltre li ma kienx sew li l-kompilazzjoni tiġi mtawla ***ad infinitum*** u b'mod li tqiegħed lill-akkużati f'posizzjoni li qatt ma jkunu jafu effettivament x'inhuma l-provi kollha li hemm kontrihom.

Il-Qorti issolleċitat lill-Avukat Ġenerali sabiex ma jkunx hemm aktar dewmien f'din il-kawża.

Fid-29 ta' Awissu, 1985, intalab rinviju u fis-17 ta' Settembru, 1985, xehdu Costantino Spiteri, Joseph Borg, Joseph Stafrace, Anthony Formosa, Paul Peter Dimech, Paul Lombardi u Carmel Sammut. Ix-xhud Anthony Borg, debitament inġunt biex jixhed ma dehrx, ġie misjub ħati ta' disprezz u mmultat mill-Qorti. Xehed inoltre s-Suprintendent Psaila u l-kumpilazzjoni baqgħet differita għall-kontinwazzjoni għat-23 ta' l-istess xahar u xehed Eric Fenech Pace, Vincent Ellul, Alfred Falzon, Carmel Sammut, Anthony Borg, Anthony Spiteri, Joseph Vella, Victor Garroni u mill-ġdid is-Suprintendent Psaila u ġew ukoll esebiti aktar dokumenti.

Fil-11 ta' Novembru, 1985, sar rinviju ieħor a tenur tat-talbiet magħmulin f'rinviju preċedenti u fit-3 ta' Diċembru, 1985, xehed Joseph Borg, riprodott.

Fit-18 ta' Diċembru, 1985, sar rinviju ieħor biex isir dak mitlub fir-rinviju ta' qabel u fid-9 ta' Jannar, 1986, il-Qorti bagħtet lura l-atti billi kienet impenjata b'xogħol ieħor ta' natura urġenti. L-atti ġew allura rinvjati fl-10 ta' Frar, 1986, u fl-4 ta' Marzu, xehed PS 726 Hugh Greengrass.

Fis-7 ta' April, 1986, sar rinviju ieħor fejn **inter alia** intalbet illi ssir traduzzjoni ta' dokument mill-Olandiż għall-Malti. Inżammet seduta fit-23 ta' April, u xehdu Costantino Spiteri u Lilian Bezzina. Fit-23 ta' Mejju, 1986, sar rinviju ieħor għall-fini tat-traduzzjoni ġa mitluba. Fit-23 ta' Ġunju, 1986, il-Prosekuzzjoni ivverbalizzat li ma setax tindika persuna bħala espert traduttur u ma sar xejn. Sar allura rinviju ieħor għall-istess skop fit-8 ta' Awissu, 1986, u fil-25 tal-istess xahar inħatar bħala espert (wara żewġ ismijiet ta' esperti proposti mill-Prosekuzzjoni) Dottor Andrè Camilleri.

Fis-26 ta' Settembru, 1986, sar rinviju ieħor sabiex l-espert nominat jgħid jekk espletax l-inkariku tiegħu. Inżammet seduta għalhekk fis-17 ta' Ottubru, u l-inkariku ma kienx għadu ġie espletat.

Sar rinviju fid-29 ta' Ottubru, 1986, għall-istess raġuni fuq imsemmija u fit-28 ta' Novembru, 1986, xehed l-espert traduttur.

Rinviju ieħor intalab fl-20 ta' Jannar, 1987, u fit-2 ta' Frar, 1987, xehed Anthony Grima. Sar imbagħad rinviju ieħor fit-18 ta' Marzu, 1987, u seduta dwaru fl-10 ta' April, 1987, li fiha l-Uffiċjal Prosekutur informa l-Qorti li x-xhud minnhom propost, jiġifieri rappreżentant tal-Bank Ċentrali ta' Malta kien għadu qed jagħmel il-verifika meħtieġa sabiex ikun jista' jixhed kif mitlub. Tnejn mill-avukati difensuri rrilevaw illi l-eżerċizzju li

kellu jsir ma kienx jiehu fit-tul. Inżammet seduta fl-14 ta' April, u xehed Alfred Sapiano, kap tat-Taqsima tal-Exchange Control tal-Bank Ċentrali.

Fl-4 ta' Ġunju, 1986, sar rinviju biex il-Qorti Istruttorja "tisma' lis-Suprintendent Joseph Psaila biex jagħti dettalji tax-xhieda meħtieġa li jinstemgħu b'rogatorji għall-finijiet imsemmija fid-deposizzjoni tiegħu u biex jgħid għandux xhieda oħra in konnessjoni mal-każ". Inżammet seduta fis-16 ta' Ġunju, 1987. Deher fiha l-Ispettur Lawrence Cauchi u dan informa lill-Qorti li s-Suprintendent Psaila kien jinsab indispost u esebixxa ċertifikat mediku. Hawn, id-difensur tal-imputat Ellul Sullivan oppona ruħu sija għar-rinviju kif mitlub kif ukoll b'riferenza għan-neċessità ta' ittri rogatorji billi, skond hu, dawn kienu jmorru kollha kontra l-ispirtu tal-liġi u l-kelma tal-Kostituzzjoni u rriżerva kull azzjoni kompetenti.

Fl-4 ta' Awissu, 1987, sar rinviju għall-istess raġuni u fit-3 ta' Settembru, l-isemmi Suprintendent Psaila ma xehdx billi ġie dikjarat li kien jinsab okkupat f'investigazzjonijiet ta' natura urġenti u ma sar xejn.

Fl-1 ta' Ottubru, 1987, sar rinviju għall-istess raġuni. Inżammet seduta fl-20 ta' Ottubru, 1987, u s-Supritendent Psaila ppreżenta skeda indikanti x-xhieda kollha meħtieġa mill-Prosekuzzjoni. Sar rinviju fis-7 ta' Diċembru, 1987, biex il-Qorti "tisma' n-nota tad-Dok PJXI (sic), (1) lill-Uffiċjali tad-Dwana konċernati li huma kollha residenti fl-Olanda; (2) lir-rappreżentant tal-kumpanija Necol Line fil-Ġermanja; (3) lir-rappreżentanti tad-ditti esteri fl-Olanda u l-Belġju biex jgħidu x'jafu dwar il-każ u dan b'rogatorji". Inżammet seduta fid-29 ta' Diċembru, 1987, u fiha d-difensuri tal-imputati ppreżentaw

nota u fiha issollevaw punti ta' indole kostituzzjonali kif ukoll dwar allegat ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-kumpilazzjoni ġiet imħollija għat-trattazzjoni għall-4 ta' Jannar, 1988, u fis-6 ta' Jannar, 1988, ingħata digriet.

Fil-11 ta' Jannar, 1988, sar rinviju biex il-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, jogħġobha "peress illi l-provvediment tal-Qorti tas-6 ta' Jannar, 1988, ma hux ta' ostakolu li jsir dak mitlub fin-nota tar-rinviju tas-7 ta' Diċembru, 1987, anzi dak il-provvediment stess u l-konsiderazzjonijiet illi għamlet il-Qorti jirrendu impellenti li dak mitlub isir tempestivament, sabiex il-Qorti tisma' lill-persuni msemmija fin-nota tar-rinviju tas-7 ta' Diċembru, 1987, bir-rogatorji". Inżammet seduta fit-3 ta' Frar, 1988, u fiha ingħata d-digriet li ġej:

"In vista tad-digriet tagħha tas-6 ta' Jannar, 1988, u in vista tal-fatti li l-kwistjoni minnha riferita lill-Qorti Kostituzzjonali (sic) għadha ma ġietx deċiża ma tistax tagħmel dak li talab l-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu tal-11 ta' Jannar, 1988".

Wara din is-seduta, u fil-pendenza ta' din il-proċedura quddiem din il-Qorti, kollox baqa' ***status quo.*** Fil-fatt, bi żvolta ftit u xejn ironika, l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati spiċċaw bil-Prosekuzzjoni ttenni li għandhom ifittxu jsiru r-rogatorji minnha mitluba u bil-kontroparti tirrileva li fil-pendenza ta' dawn il-proċeduri ma kellu jsir xejn aktar, a tenur ta' dak li ġie wkoll ritenut minn dik il-Qorti.

Id-digriet ta' riferenza ingħata mill-ewwel Qorti fis-6 ta' Jannar, 1988, u l-atti ġew trasmessi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Frar, 1988. Din il-Qorti appuntat il-kawża

għas-smiegħ għas-seduta tal-11 ta' Frar, 1988. F'din is-seduta ma deher ħadd mill-partijiet, il-kawża ġiet allura posposta iżda reġa' ma deher ħadd. Il-kawża allura ġiet imħollija għall-21 ta' Marzu, 1988. Il-kawża bdiet tiġi trattata f'din is-seduta. Il-Prosekuzzjoni ssollevat eċċezzjonijiet legali di fronte għal tnejn mill-avukati difensuri li, minħabba n-natura tagħhom, ma setetx il-Qorti tgħaddi għall-meritu għax ħteġilhom qabel xejn jiġu deċiżi. Saru sottomissjonijiet elaborati ħafna u din il-Qorti tat deċiżjoni fil-21 ta' April, 1989. Il-Prosekuzzjoni dehrilha li kien il-każ li titlob ritrattazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Wara diversi sottomissjoni oħra kopjużi quddiem dik il-Qorti, ingħata deċiżjoni oħra fl-24 ta' Jannar, 1990. Uħud mill-imputati talbu li jitkomplew il-proċeduri fil-konfront tagħhom meta l-każ kien qed jinstema' mill-Qorti Kostituzzjonali. Din il-Qorti kif presjeduta ċaħdet din it-talba b'digriet mogħti fid-19 ta' Mejju, (a. fol. 132 tal-proċess). Fis-seduta tas-27 ta' April, 1989, xehed l-Assistent Kummissarju Joseph Psaila u mill-ġdid xehed fit-22 ta' Marzu, 1990. Il-kawża tħalliet għall-finali trattazzjoni għat-3 ta' Mejju, 1990.

Illi r-raġuni li għaliha l-Qorti għaddiet biex teżamina l-viċenda laborjuża ta' dina l-kawża kienet biex tkun fl-aħjar qagħda li tinkwadra sew iċ-ċirkostanzi kollha li wasslu għad-digriet ta' riferenza. Ma hemmx dubju li l-proċeduri tal-kumpilazzjoni twalu ferm aktar mill-perjodu ta' tlett xhur stipulat mil-liġi tagħna, f'dan il-każ il-Kodiċi Kriminali. B'danakollu ma jistax jingħad ukoll, kif invece sottomess mid-difensuri ta' l-imputat, li kien hemm ħafna ħela ta' żmien b'rinviji bla bżonn. Għall-kuntrarju ta' dan, jidher illi l-Prosekuzzjoni dejjem ressqet numru ta' xhieda u provi kważi f'kull seduta li nżammet. Veru li kien hemm rinviju wieħed li fih ma seta' jsir xejn il-għaliex ma setax jinstab espert traduttur mill-ewwel biex jittraduċi xi

dokumenti mill-Olandiż għall-ilsien Malti iżda lanqas ma jkun korrett jekk dan in-nuqqas għandu jinxteħet fuq il-Prosekuzzjoni. Anzi l-istess Prosekuzzjoni fis-seduta sussegwenti ssottomettiet żewġ ismijiet, u minn dawn iż-żewġ persuni nagħżel wieħed. Kien hemm differiment wieħed minħabba li wieħed mill-imputati stess ma kienx preżenti, ieħor minħabba indisposizzjoni ċertifikat tal-uffiċjal prosekutr u ieħor għax kien impenjat f'xogħol ta' natura urġenti, u ieħor għall-istess raġuni però din id-darba kienet il-Qorti stess li sabet ruħha maqbuda f'xogħol ta' natura urġenti. Mill-bqija ttellgħu u instemgħu ħafna xhieda u ġew prodotti wkoll numru mhux ħażin ta' dokumenti. L-anqas ma jirriżulta li kien hemm il-protesti ripetuti għal dewmien irraġonevoli da parti tal-imputati jew tal-Qorti kif donnhom riedu jagħtu l-impressjoni d-difensuri tal-imputati. Verament ukoll it-test ta' x'inhuma *"unreasonable delay"* għandu jkun wieħed oġġettiv u intimament relatat ma' dak li jkun ġara waqt il-proċeduri in kwistjoni u riferibbilment għal dak li trid il-liġi.

Fil-każ in re: ***Case of Union Alimentaria Sanders S.A.*** deċiż mill-Qorti Ewropeja fis-7 ta' Lulju, 1989, (Każ. Nru. 16/1988/160/216) ġie ritenut illi l-Qrati għandhom dejjem jaqdu d-dmirijiet tagħhom skond dak illi jitlob l-art. 6(1) dwar żmien raġonevoli. Saret riferenza għall-**Guincho** ***Judgement*** tal-10 ta' Lulju, 1984, series A, No. 81, p. 15 u 34 (ara wkoll deċiżjoni tal-Qorti Ċivili Prim'Awla mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 1989, fil-kawża fl-ismijiet: **Angelo Vella vs Onor. Prim Ministru et.** (Rik. Kost. Nru. 277/89) u dik il-Qori qalet ukoll illi:

*"Like the Commission, the Court considers that the person concerned is required only to show diligence in carrying out the procedural steps relating to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic*

*law for shortening the proceedings. He is under no duty to take action which is not apt for that purpose."* Il-Qorti Ewropeja hawn kienet qegħda teżamina x'inhu tenut illi jagħmel imputat però toħroġ waħedha n-norma li fejn hemm dewmien irid ikun żgurat li non si trattava ta' nuqqas ta' diliġenza ta' naħa jew oħra jew ta' użu ta' tattiċi dilatorji. F'kull każ, ukoll jidher illi proprjament l-ilment ewlieni tal-imputati ġie b'riżultat tat-talba formali minn-naħa tal-Prosekuzzjoni biex tinstema' x-xhieda ta' barranin bil-proċedura ta' ittri rogatorjali. L-imputati m'humiex isostnu li tali proċedura hija rritwali imma li kienet ser tkun il-kaġun ta' dilungar irraġonevoli tal-proċeduri u f'kull każ kien messha saret qabel. Tajjeb hawn jiġi riprodott x'qal in materja l-Assistent Kummissarju in kontro-eżami waqt id-depożizzjoni mogħtija minnu fis-seduta miżmuma fit-22 ta' Marzu, 1990 (ara fol. 174 – 175 tal-proċess):

"Il-mod kif aħna (jiġifieri l-Prosekuzzjoni) ressaqna l-provi fil-kumpilazzjoni kien hekk: l-ewwel aħna kkonċentrajna fuq ix-xhieda lokali li kienu produċibbli u li kienu rriżultaw mill-provi; wara li kkonkludejna dan u kellna l-evidenza kollha għad-disposizzjoni tagħna, aħna imbagħad erġajna eżaminajna d-dokumenti kollha li kellna fil-pussess tagħna, riferibbilment għal barra u mbagħad allura tlabna r-rogatorji biex inkomplu bix-xhieda tagħna. Aħna ma għamilnihomx qabel ir-rogatorji biex ma jkunx hemm għalfejn nagħmlu r-rogatorji darbtejn jew tlett darbiet, għaliex li rrid nispjega, huwa dan, illi jekk jinqalgħu xi kjarifikazzjonijiet ulterjuri aħna kien ikollna kull darba noqgħodu nerġgħu niktbu mill-ġdid għal xi domandi li jsiru, allura aħna l-ewwel ridna naraw ir-riferenza li kellna f'idejna hawn Malta.....".

Għandu inoltre jiġi rilevat illi t-talba biex tinstema' x-xhieda

ta' persuna jew persuni illi joqgħodu barra minn Malta ma tistax issir jew tittieħed leġġerment. Il-liġi tal-proċedura nostrali telenka diversi regoli. Fosthom hemm l-art. 613 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), għal liema jagħmel ukoll riferenza l-Kodiċi Kriminali, li jgħid illi:

"Meta parti turi b'sodisfazzjoni ta' Qorti Superjuri jew tal-Qorti tal-Maġistrati ..... illi x-xiehda ta' xhud li jinsab barra minn Malta hija indispensabbli għad-deċiżjoni ta' kawża pendenti quddiem waħda minn dawk il-Qrati, dik il-Qorti tista' tiddikjara b'digriet li hu meħtieġ l-eżami ta' dak ix-xhud, u tissospendi l-kawża."

Fl-atti tal-kumpilazzjoni ***de quo,*** dan id-digriet għadu ma nagħtax u dan il-għaliex nel frattemp tqajmet din il-"kwistjoni" dwar dewmien irraġonevoli. Fil-fehma tal-Qorti, ankorkè huwa minnu li l-proċeduri ħadu diġà fit-tul, ma jirriżultax ukoll li kien hemm dewmien irraġonevoli jew mhux ġustifikat bi ksur tal-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew inkella tal-art. 6(1) tal-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-"kwistjoni" kif sollevata mill-imputati fuq imsemmija bħala infondata fil-fatt u fid-dritt u tordna għalhekk li l-atti kollha jintbagħtu lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.

5. Minn din is-sentenza, Carmelo Ellul Sullivan, Michael Galea u Charles Fenech, fis-6 ta' Ġunju, 1990, interponew appell quddiem din il-Qorti fuq dawn l-aggravji:

a) L-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti, tal-itinerarju tal-kompilazzjoni huwa skorrett; instemgħu erbgħin xhud f'erbgħa u għoxrin seduta, li minnhom f'sitt seduti ma sar xejn, u f'erbgħa minnhom saru t-traduzzjonijiet tad-dokumenti għall-Malti, f'seba' seduti ġie prodott xhud wieħed biss; ħafna mis-seduti kienu qosra ħafna jekk mhux pura formalità. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ma mexxietx il-kumpilazzjoni kif suppost, u b'hekk ma ġietx imħarsa l-liġi li tipprovdi perijodu ta' kumpilazzjoni relattivament qasir li jista' jiġi mtawwal meta dan ikun neċessarju.

b) L-appellanti kienu akkużati b'offiżi li huma preskritti f'perjodu ta' sena. Nonostante din il-preskrizzjoni relattivament qasira, ..... il-prosekuzzjoni sa issa ħadet seba' snin sħaħ u għadha m'għalqitx il-proċeduri tagħha.

ċ) Illi l-Prosekuzzjoni kienet taf, sa mill-bidu nett tal-proċeduri li se jkollha tirrikorri għall-provi permezz ta' rogatorji u b'dan kollu ma talbithomx ħlief tlett snin u nofs wara li ħarġet l-imputazzjonijiet.

d) Illi kuntrarjament għal dak li hemm fis-sentenza, d-difiża, matul il-kumpilazzjoni pprotestat kontra d-dewmien u l-mod kif kienu qed jiġu prodotti l-provi u talbet lill-Qorti biex tingħalaq definittivament din il-kumpilazzjoni u l-imputati jiġu ġudikati fuq il-provi akkwiżiti.

Għalhekk l-imputati talbu li jingħataw ir-rimedju li ma jkunx hemm dewmien iżjed billi jitħallew li jsiru r-rogatorji mitluba billi dawn se jtawwlu konsiderevolment il-proċeduri.

6. Andrew Camilleri interpona appella fl-istess termini,

jumejn aktar tard – ċjoè fit-8 ta' Ġunju, 1990.

7. Fir-risposta tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija ssottometta illi:

a) It-trapass ta' żmien ma jfssirx neċessarjament "dewmien" u wisq anqas dewmien irraġonevoli. Iż-żmien huwa rraġonevoli jekk jitħalla jgħaddi inutilment mingħajr ma jsir xejn utli fih;

Jirriżulta mill-atti struttorji li ma kienx hemm anqas rinviju wieħed li sar inutilment.

b) Dak li sar fil-kumpilazzjoni sar kollu taħt l-awtorità tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk dak li sar ma jistax jikser l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan għat-termini tal-artikolu 47(7) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Issa billi dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 huwa l-istess bħal dak li hemm fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, u din mhix liġi ordinarja għall-finijiet ta' dak l-Att, isegwi illi l-artikolu 6(1) "ma japplikax għall-fattispeċje ta' dan il-każ stante li għar-rigward tad-dritt sancit bl-artikolu 6(1) u dak li jsir taħt l-awtorità tal-Kodiċi Kriminali tipprevali l-Kostituzzjoni u dan skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att XIV".

ċ) Il-ksur li l-imputati qed jgħidu li sofrew jirrisali għall-1984, billi qed jikkontendu li l-provi kollha setgħu nġabru f'xahar – fi tlett xhur l-iżjed. Dan ifisser li l-leżjoni sofrewha qabel it-30 ta' April, 1987 – u l-Konvenzjoni Ewropeja ma tapplikax, għal fatti antiċedenti din l-aħħar data.

d) It-talba tal-imputati saret **qabel** ma l-Qorti tal-Maġistrati esprimiet ruħha rigward it-talba għar-rogatorji. U issa l-imputati qegħdin jgħidu li r-rimedju li qegħdin jitolbu huwa li l-Qorti ma tilqax dik it-talba. Jekk it-talba għar-rogatorji tiġi milqugħa u jkun hemm dewmien biex dawn jiġu konkjużi – l-artikolu 623 Kap. 12 – jipprovdi rimedju ordinarju.

e) Illi l-mod kif qed jaġixxu l-imputati juri illi huwa preokkupati mhux tant bid-dewmien – li qed jikkawżawh huma stess – imma bl-eventwali riżultanzi tar-rogatorji.

8. L-eżami ta' din il-Qorti jrid jibda billi tiġi eżaminata l-eċċezzjoni tal-pulizija msemmija fil-paragrafu 7(b) supra.

Is-sub-artikolu 7 tal-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, jipprovdi hekk:

"Ebda ħaġa li hemm f'xi liġi speċifikata fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' din il-Kostituzzjoni ..... ma titqiesx li tkun inkosistenti mad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 ta' dan il-Kapitolu, u ..... ebda ħaġa magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi bħal dik ma titqiesx li tkun saret bi ksur ta' dawk l-artikoli."

Fl-Ewwel Skeda li tinstab mal-Kostituzzjoni hemm il-Kodiċi Kriminali.

L-artikoli rrilevanti għall-każ – li, prinċipalment, qegħdin jissemmew fil-kawża huma, l-artikoli 399, 401 u 402 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

Issa kemm l-artikolu 401 kif ukoll l-artikolu 402, ġew

emendati wara l-21 ta' Settembru, 1964 – il-ġurnata stabbilita mill-Kostituzzjoni (Art. 124(1) ) li sservi bħala d-data. protettiva għal kull ma kien fih il-Kodiċi Kriminali f'dik id-data. Emendi għall-Kodiċi Kriminali li saru wara dik id-data m'humiex eżenti mid-disposizzjonijiet rimedjali li l-Kostituzzjoni tipprovdi meta xi liġi, jew dak li jsir jew ma jsirx bis-saħħa ta' xi liġi – jikkontrasta mad-drittijiet fundamentali.

Konsegwentement is-sottomissjoni tal-pulizija li tinvoka l-protezzjoni ta' l-ewwel skeda kostituzzjonali mhix attendibbli, għaliex dak li ġara fil-kumpilazzjoni tal-imputati sar anki bis-saħħa ta' emendi għall-artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali.

9. In meritu għall-fatti – tal-kumpilazzjoni, dawn ma tantx jimpressjonaw il-Qorti li ġew mill-pulizija, persegwiti b'dik l-attenzjoni, kompletezza, tempestività u regolarità li janimaw il-Kodiċi Kriminali tagħna li jimmira għall-persekuzzjoni ġusta tar-reati w jassikura d-drittijiet taż-żewġ partijiet fil-kawżi – inkluż l-istadju tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja.

Din l-osservazzjoni però ma tfissirx illi r-rimedju li qegħdin jitolbu l-imputati, għandu jingħata. Mis-17 ta' Lulju, 1984 – meta r-rikorrenti ġew akkużati – sad-29 ta' Diċembru, 1987 meta ssollevaw din il-kwistjoni kostituzzjonjali – għaddew aktar minn tlett snin u ħames xhur. Dan m'huwiex żmien qasir, u kif diġà ntqal, dak li ġie kompilat seta' nġabar fi żmien ħafna iqsar; b'dan kollu għal kwalità ta' proċess penali bħal dak li fuqu qed nitkellmu ma jistax jingħad definittivament li dan huwa żmien irraġonevoli. – M'huwiex faċli li jiġu stabbiliti kriterji fissi u riġidi. Hemm diversi ċirkostanzi li jridu jiġu kkunsidrati, biex il-Qorti finalment tasal biex diskrezzjonalment – tiddeċidi

jekk iż-żmien raġonevoli li fih proċediment partikolari għandu jisvolġi – ġiex rispettat jew le. Ċertament, filwaqt li huwa ċar illi kull kawża partikolari tiddetta skala ta' żmien li fih raġonevolment għandha tisvolġi billi tiġi trattata u deċiża, daqstant ieħor huwa ċar li hemm minimu u massimu f'dik l-iskala, u l-eċċess oltre l-massimu jilledi d-dritt fundamentali għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja fi żmien raġonevoli.

10. Is-sentenza appellata, eżaminat dak li ġara f'kull waħda mis-seduti tal-kompilazzjoni w waslet fil-konklużjoni li ma jistax jingħad illi kien hemm ħafna ħela ta' żmien b'rinviji bla bżonn – u dan il-kriterju, prinċipalment, wassalha biex tikkunsidra li ma kienx hemm tul irraġonevoli fil-proċeduri kontra l-imputati.

L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa li dan l-apprezzament tal-ewwel Qorti huwa skorrett. Fuq daqshekk, diġà ntqal, din il-Qorti jidhrilha li għalkemm ma taqbilx li ma kienx hemm ħela ta' żmien fil-mod li saru r-rinviji, b'dan kollu ż-żmien li effettivament għadda ma jistax jiġi definittivament konsidrat irraġonevoli.

Ir-rikorrenti, għamlu sewwa li pprotestaw f'Diċembru, 1987 rigward it-tul tal-proċedura li għaliha kienu qegħdin jiġu assoġġettati imma kienu ntempestivi meta ssolevaw **f'dak il-mument** il-preżenti kwistjoni kostituzzjonali, għaliex din hija essenzjalment bażata fuq il-presuppost illi l-proċeduri għar-rogatorji se jieħdu tant fit-tul illi jekk il-Qorti tammettihom – neċessarjament, iż-żmien raġonevoli li għandhom dritt għalih – ma kienx se jiġi rispettat. Din l-assunzjoni ma tistax ssir u ma tistax tkun il-bażi għat-talba għar-rimedju mill-imputati prospettat.

11. Difatti din il-Qorti tqis illi l-imputati kienu jkunu ħafna aktar korretti kieku l-kwistjoni li ssollevaw kienet ibbażata fuq it-tielet **possibilità** mit-tlett fażijiet temporali li jikkontempla l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni, billi l-leżjoni tad-dritt fundamentali tista' tkun riferibbli għall-passat, għall-preżent jew possibilment, għall-futur – "tkun ġiet, tkun qed tiġi jew **tkun x'aktarx ser tiġi** miksura dwarha".

12. Fir-risposta tagħha l-pulizija aċċennat għall-art. 623 Kap. 12, bħala possibbli rimedju għal dak li qed jippretendu l-imputati – dejjem però fl-ambitu ta' dak li tipprovdi l-liġi ordinarja. Dan l-artikolu fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, ma ġiex importat fil-Kodiċi Kriminali, għalkemm din il-Qorti taħseb illi l-istess "ratio" għal proċedura tajba fil-każijiet ta' natura ċivili tapplika wkoll għall-każijiet ta' natura penali; forsi b'aktar forza.

13. Il-Qorti tikkunsidra illi f'proċeduri ta' natura kostituzzjonali – ċerti regoli u normi ta' natura proċedurali neċessarji fil-kawżi ta' natura ċivili jew kummerċjali, m'humiex dejjem applikabbli u dan prinċipalment għaliex fil-konklużjoni tal-kawża, il-Qorti hija mogħtija poteri rimedjali, diskrezzjonalment vasti, u b'hekk m'hemmx rabta essenzjali bejn dak li huwa mitlub u dak li jista' jiġi konċess u r-regola vinkolanti magħrufa bħala "*ultra petita*" tal-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali. Anzi l-Qorti taħseb illi fil-kawżi ta' natura kostituzzjonali, fil-każijiet kongruwi, hija **għandha l-obbligu** li, biex tagħti rimedju effiċjenti, tmur "*extra petita*". Dan jgħodd speċjalment f'dawk il-każijiet fejn ir-rikorrent ikun qed jipprospetta b'mod serju u probabbli, ksur **futur** tad-drittijiet fundamentali.

14. Għalhekk, billi, kif intqal, f'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha illi l-imputati meta għamlu l-lament tagħhom, dan kien verament wieħed ta' din ix-xorta – ċjoè ta' prospett serju u probabbli ta' ksur futur tad-drittijiet fundamentali tagħhom għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli tal-kawża tagħhom; ir-rimedju li għandu jingħata huwa relattiv għall-istess ksur prospettat.

15. Għaldaqstant din il-Qorti – fuq ir-riferenza lilha magħmulha mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja b'eżerċizzju tas-setgħat lilha mogħtija mill-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni qed tiddeċiedi u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li qiegħed imexxi l-kompilazzjoni kontra l-imputati u li għamel it-talba biex ikun hemm l-eżami ta' xhieda jew atti oħra bil-mezz ta' awtorità ta' barra minn dawn il-Gżejjer skond l-artikolu 399 Kap. 9 – li jekk u meta l-Maġistrat jagħti l-ordni meħtieġa għal daqshekk, jipprokura illi dak l-eżami jiġi konkjuż fi żmien li m'għandux jeċċedi s-sitt xhur mid-data tal-ordni, u li jekk f'dak il-perjodu dik il-proċedura ma tkunx ingħalqet u l-Kummissarju tal-Pulizija jkun għadu jikkunsidraha ndispensabbli, allura għandu jirrikorri quddiem din il-Qorti, u jagħti r-raġunijiet tiegħu biex din il-Qorti tara jekk għandhiex testendi ż-żmien – liema rikors għandu jsir fl-atti ta' dan il-proċess u li għandu jiġi notifikat kontestwalment lil kull wieħed mill-imputati.

L-ispejjeż tal-proċedura kollha, wara r-riferenza jibqgħu bla taxxa.